MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 685/2010

**Rikors Numru 685/10 SM**

**Darren Borg**

**U**

**David Borg**

**vs**

***Geomike Limited***

**U**

**John Cauchi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu, ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti ghamlu xoghol ta' *gypsum*, miljoramenti u benefikati f'immobbli, senjatament fil-*Cote D'Azur Restaurant*, f'St. Anthony Street, Marsaskala;

1.2 Illi dawn ix-xogholijiet ezegwewhom fuq inkarigu tal-intimati jew min minnhom;

1.3 Illi ta' dawn ix-xoghlijiet l-intimati ghad ghandhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma bilancjali ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€22,968.40);

1.4 Illi nonostane li interpellati biex ihallsu s-somma indikata fil-paragrafu precedenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5 Illi ghalhekk ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghas-segwenti talbiet biex din il-qorti:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimati ghad ghandhom *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti s-somma bilancjali fuq riferita ghax-xogholijiet minnhom ezegwiti fil-fond gia` fuq indikat;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati biex *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€22,968.40);

1.5.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tar-rikors guramentat promotur fuq riferit sad-data tal-effettiv pagament;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimat John Cauchi datata l-5 t'Awwissu, 2010, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

2.1 Illi hu mhux il-legittimu kontradittur u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;

2.2 Illi kwalunkwe xogholijiet li saru mir-rikorrenti saru fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta` intimata li hi proprjetarja tar-*restaurant* in dizamina;

2.3 Illi l-intimat mhux debitur tar-rikorrenti fl-ammont minnhom pretiz;

2.4 Illi *se mai*, kwalunkwe ammont dovut lir-rikorrenti hu dovut mis-socjeta` intimata;

2.5 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.0 Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata *Geomike Limited* datata l-24 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1 Illi mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti stante li qatt ma dahlet fi trattattivi mar-rikorrenti;

3.2 Illi *di piu`*, qatt ma awtorizzat lill-intimat John Cauchi biex jinnegozja f'isimha;

3.3 Illi ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.4 Illi wkoll, in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti biex l-intimati jigu kkundannati *in solidum* ghandha tigi respinta;

3.5 Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ukoll jigu respinti bl-ispejjez;

3.6 Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-istess, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 86);

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijietipprezentati mill-partijiet senjatament dik tar-rikorrenti datata id-9 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 90); dik tas-socjeta` intimata datata l-25 ta' Jannar, 2014, (ara foll 97), u dik tal-intimat datata t-28 ta' Jannar, 2014, (ara foll 100);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-12 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

9.0 Illi l-fatti li taw lok ghall-vertenza in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

9.1 Illi s-socjeta` ntimata *Geomike Limited* hi sid il-fond *Cote d'Azur Restaurant*, sitwat fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala;

9.2 Illi d-direttur tal-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti hu George sive Gino Cauchi, (ara foll 57 u foll 63);

9.3 Illi fl-istess socjeta` m'hemmx aktar diretturi;

9.4 Illi meta wara s-sena 2007 l-imsemmi fond gie biex jigi ristrutturat wara li kien ghamel zmien maghluqa, l-imsemmi direttur George sive Gino Cauchi jirrizulta li halla f'idejn huh John Cauchi, (ara foll 46);

9.5 Illi fid-29 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrenti Darren Borg kien ingaggat mill-intimat John Cauchi biex jaghmel ix-xogholijiet involuti fl-imsemmi ristrutturar, u dan wara li l-imsemmi rikorrenti Borg kien ipprezenta kwotazzjoni appozita indikattiva tax-xogholijiet involuti li giet debitament accettata u ffirmata mill-intimat John Cauchi, (ara foll 28), ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` fuq indikata;

9.6 Illi konsegwenza ghall-istess ir-rikorrenti bdew jezegwixxu x-xogholijiet pattwiti ghall-habta ta' nofs Awwissu

tal-2009, u itterminawh f'Dicembru ta' l-istess sena, (ara foll 25);

9.7 Illi l-intimati qatt ma hallsu ghax-xogholijiet ezewgwiti, (ara foll 25), ghajr ghal madwar hamest elef u hames mitt Ewro, (€5,500.00), akkont;

9.8 Illi l-intimati ghad ghandhom ihallsu l-ammont mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghhom, (ara foll 29);

9.9 Illi meta r-rikorrenti talbu lill-ahwa Cauchi biex jissaldaw l-ammont minnhom dovut, dawn bdew jindirizzaw lir-rikorrenti minn wiehed ghall-iehor inutilment, (ara foll 26);

9.10 Illi jirrizulta wkoll li meta r-rikorrenti kien mar ikellem lil George Cauchi, id-direttur tas-socjeta` intimata, dan harab u skarta lill-istess, (ara foll 26);

9.11 Illi x-xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti kienu gew debitament certifikati bhala idonei u skont is-sengha u l-arti minn "*interior designer*" tal-intimati, (ara foll 26);

9.12 Illi meta r-rikorrenti rriskontraw tali atitudini puerili ma kellhom l-ebda ghazla hlief li jipprocedu bil-kawza odjerna;

9.13 Illi skont l-intimat John Cauchi, kien kemm hu, kif ukoll huh George, li kienu jiffirmaw ghax-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti fil-fond in dizamina, (ara foll 37);

9.14 Illi fir-rigward tax-xoghol ezegweit mir-rikorrenti fil-fond *de quo* jinghad li l-intimati kienu kuntenti bl-istess u jsostnu li:

> “minn naha taghna ma kien hemm l-ebda ilmenti rigwardanti x-xoghol tal-*gypsum* li ghamel Darren Borg fir-*restaurant* in dizamina”, (ara foll 36);

9.15 Illi *di piu`*, l-istess intimat Cauchi jammetti li r-rikorrenti:

> “Darren Borg kellu jigbor minghandu ftit anqas minn tlieta u ghoxrin elf Ewro, (€23,000.00)”, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

10.0 Illi in effetti l-intimati fuq indikati u George sive Gino Cauchi direttur uniku tas-socjeta` intimata mhux biss:

10.1 Kienu sodisfatti mix-xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti; u

10.2 Ammettew li kellhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont rimanenti kif mitlub fir-rikors guramentat promotur;

izda:

10.3 Kien l-istess direttur tas-socjeta` intimate fuq indikat li fix-xhieda tieghu sostna s-segwenti:

> " … kieku kellna l-flus konna nhallsuh ghaliex jien u hija ghandha diversi kawzi bejnietna", (ara foll 41);

11. Illi nonostante ammissjoni lampanti bhal dik hawn esposta, l-intimati baqghu, sal-lum, inadempjenti;

Ikkunsidrat:

12.0 Illi rizultat tas-suespost ghandu jigi riassunt is-segwenti:

12.1 Illi r-*restaurant* fejn gew ezegwiti x-xogholijiet mir-rikorrenti hu proprjeta` tas-socjeta` intimata *Geomike Limited*;

12.2 Illi l-ordnijiet biex jigu hekk ezegwiti x-xogholijiet *de quo* fil-fond fuq riferit, saru kemm mill-intimat John Cauchi u minn huh id-direttur intimat tas-socjeta` rikorrenti *Geomike Limited*;

12.3 Illi x-xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti fil-fond *de quo* gew debitament certifikati minn *interior designer* appozitament inkarigat biex jezamina l-istess mill-ahwa Cauchi fuq gia` riferiti;

12.4 Illi hu komdu li sussegwentement ghall-benefikati hekk ricevuti l-imsemmija ahwa jixxenaw dizgwid bejniethom li l-uniku skop tieghu hu li jevadu r-responsabbilitajiet taghhom lejn terzi;

12.5 Illi *messa in scena* ta' din il-kwalita` tirrazenta l-agir frawdolenti attiranti s-severita` tal-azzjoni kriminali;

DECIDE:

13.0 Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Darren Borg u David Borg ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti guramentati tal-intimati *Geomike Limited* u John Cauchi:

13.1 Tiddikjara li l-intimati fuq riferiti ghandhom *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti fuq ukoll indikati s-somma bilancjali ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€22,968.40), ghax-xogholijiet debitament ezegwiti mir-rikorrenti fil-fond tal-intimati;

13.2 Tikkundanna lill-intimati fuq riferiti biex ihallsu *in solidum* lir-rikorrenti s-somma likwidata fil-paragrafu precedenti;

13.3 Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Lulju, 2010, data tar-rikors guramentat promotur, sad-data tal-effettiv pagament.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

Decizjoni Finali

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------